**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 860/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Jean Claude Cassar**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jean Claude Cassar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0178694(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli matul il-lejl ta' bejn is-Sibt 23 ta' Settembru u l-Ħadd 24 ta' Settembru 2023, fi Triq Fra Diegu, il-Marsa, f'Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' xorb u/jew oġġetti oħra mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBD497 tal-għamla Toyota LiteAce, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94) li sar għad-dannu ta' Sameh Ahmed Derbas u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
2. U aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix it-tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċentezmu (€23.29) u dan għad-dannu ta' Sameh Ahmed Derbas u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai fini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jigu mibdula;
4. U finalment talli wettaq reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-23 ta' Ġunju 2023 mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien LLD, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Awwissu 2024, fejn il-Qorti:

1. Sabet lill-imputat mhux ħati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk illiberatu mit-tieni imputazzjoni;
2. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271(g), 278(1),(3), 279(a), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tar-reati fihom kontemplati u għalhekk ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz ikkundanatu għal piena karċerarja ta' tmintax (18) -il xahar priġunerija;
3. *In oltre*, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni, u ċioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation* tat-23 ta' Gunju 2023, u trattat miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiemha għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull bwon fini ikkonfermat l-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-Ordni ta' *Probation* magħmula bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 251B(1), 251H(f), 251HA, 202(h)(ii) u (iii), 222(1), 214, 215, 339(1)(d), 338(dd), 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Jean Claude Cassar għal perjodu ulterjuri ta' tlett (3) snin u nofs priġunerija effettiva. Għaldaqstant, il-ħati għandu jiskonta perjodu globali ta' ħames (5) snin priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri;
4. *Inoltre*, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw għas-somma ta' erba' mija u wieħed u għoxrin Euro u tlieta u sebgħin ċentezmu (€421.73) li għandhom jitħallsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi;
5. *In oltre* ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, rez applikabbli għal dawn il-proċeduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-ħati biex iħallas lil Sameh Ahmed Derbas l-ammont ta' mitejn u tnejn u disgħin Euro (€292.00) rapprezentanti l-valur tal-oġġetti li ġew misruqa lilu.

Rat ir-rikors tal-appellant Jean Claude Cassar, ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma sabitux ħati tat-tieni akkuża, tvarja l-istess sentenza billi tilliberah mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha u fin-nuqqas ta' dan tipprovdi għal piena aktar mita u idonja fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 5 ta' Diċembru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju kontenut fir-rikors ta'l-appell, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin kemm tal-provi kif ukoll tad-dritt u dan meta jisħaq li għalkemm l-Ewwel Qorti kienet konvinta li r-raġel li jidher fil-filmati tal-kameras tas-sigurtà (CCTV) eżebiti in atti ma kien ħadd ħlief il-persuna tiegħu, u straħet għalhekk fuq din il-prova sabiex issib il-ħtija, madanakollu din l-evidenza ma kienitx, fil-fehma tiegħu, waħda suffiċjenti sabiex jintlaħaq il-grad tal-prova rikjesta f'proċeduri kriminali.

Illi, dan l-aggravju huwa strettament marbut mal-apprezzament tal-provi, u għalhekk il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6

Illi, nhar l-24 ta' Settembru 2023, Sameh Ahmed irrapporta lill-pulizija li xi persuna mhux magħrufa kienet qalgħet t-tieqa ta' wara tan-naħa tax-xufier tal-vann tiegħu, li għandu n-numru ta' reġistrazzjoni FBD-497, u li kienet ipparkjata ġewwa Triq Fra Diegu, Marsa, u li minn l-imsemmi vann kien insteraq ammont ta' xorb li l-valur tiegħu kien jammonta għal bejn mitejn Ewro u tlett mitt Ewro. Sameh stqarr mal-Pulizija li l-aħħar li kien ra l-vettura kien nhar it-23 ta' Settembru 2023 għall-ħabta ta' 22:00hrs. Sussegwentement nhar it-28 ta' Settembru 2023, l-istess Sameh informa ill-Pulizija li mill-filmati tal-istabbiliment "*The Rig Gym*" kien irnexxilu jsib minn kien il-malvivent. F'dawn il-filmati, dehret persuna ta' sess maskili, liema persuna ġiet identifikata bħala l-appellant mill-pulizija, taqla' it-tieqa tal-vann wara li ippruvat tkissirha u tisraq kaxxi tax-xorb li kien hemm fl-istess vann. Wara dan il-malvivent jidher qed jipproċedi sabiex jifqa' il-bieb ta' residenza fil-viċin u tpoġġi x-xorb misruq hemmhekk. Irriżulta ukoll li aktar tard matul dik l-istess ġurnata, l-istess persuna dehret qed tmur tiġbor r-*res furtiva* mill-istess residenza. In segwitu l-appellant ġie arrestat u rrilaxja stqarrija nhar l-20 ta' Ottubru 2023 fejn, wara li ngħata d-drittijiet skont il-liġi, għażel li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija lilu magħmula mill-interrogatur.

Fil-Qorti id-derubat ikkonferma ir-rapport li kien għamel mal-pulizija, filwaqt li PS 1118 Joseph Bajada xehed li kien għaraf lill-appellant mill-filmati tas-CCTVs elevati u kien ċert li kien hu għaliex l-appellant kien persuna magħrufa mal-pulizija, li f'dawk il-jiem kien qed jiġġerra ġewwa il-Marsa u kien *homeless*. Igħid illi matul ir-rondi tagħhom fl-akwati il-pulizija spiss kienu jinzertawh, jwaqqfuh u jkellmuh.

Illi, għalkemm l-evidenza li hemm fl-atti u li tipponta fid-direzzjoni ta'l-appellant hija waħda minima, madanakollu ma jistax jingħad illi din tikkonsisti fi provi fjakki u li allura ma jilħqux il-grad mistenni mill-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha. Illi għalkemm huwa minnu li l-*istills* li ġew ippreżentati mill-Espert Donald Tabone mhumiex ċari, pero' jiġi mfakkar li dawn l-istess *stills* ittieħdu propju mill-filmati

ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

oriġinali, liema filmati huma ħafna aktar ċari meta wieħed jeżaminahom. Mhux biss, iżda din l-identifikazzjoni tal-persuna tal-appellant bħala l-istess wieħed li jidher fil-filmati saret ukoll mis-surġent tal-pulizija li kien qed jinvestiga il-każ u li kellu okkażjoni jitratta mal-appellant f'każijiet oħra fil-kors tad-dmirijiet tiegħu. Illi fil-każ **Regina v Caldwell and Dixon** (1993 CLR862), kien hemm identifikazzjoni mill-pulizija tal-akkużati u dan minn fuq *video-recording* li kien ittieħed tas-serqa mertu tal-każ. Fiha hemm hekk imgħallem:

> *"When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible.*
>
> ***Recognition, all would surely agree, is generally more reliable than identification of a stranger and accordingly it ordinarily deserves greater evidential weight. The mere fact that police officers' knowledge of an accused comes from the accused's previous criminal activities cannot operate to bar the admissibility of their recognition evidence — any such approach would unfairly advantage those with criminal records."***

Illi l-appellant huwa bniedem, kif diġa' ingħad, magħruf sew mal-pulizija li jafu li fiż-żmien mertu tal-każ kien *homeless* u kienu jarawh iħuf fl-akwati tal-Marsa fejn seħħet is-serqa, spiss kienu iwaqqfuh u jkellmuh sabiex b'hekk ma jistax jingħad li dan kien xi wiċċ ġdid għalihom. Abbinat ma' dan hemm imbagħad l-identifikazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti stess li rat il-filmat u waslet għad-deċiżjoni abbażi ta' dak li kienet qed tosserva *ictu oculi,* u dan wara li għamlet 'il fuq minn sena tgħix dan il-proċess. Illi l-Qorti rat il-filmati u l-is-*soft copy* ta'l-i*stills* bil-kulur, u senjatament mill-filmati meħuda mill-istabbiliment "*The Rig Gym*", wiċċ l-appellant jidher ċar u din l-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, hija moralment konvinta mill-identità ta' l-istess.

Dan ifisser li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant imbagħad jilmenta illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu ta' tmintax-il xahar priġunerija ma kenitx waħda skont il-liġi u dan stante li l-valur tax-xorb misruq ma kienx wieħed li jirrifletti il-valur reali tal-oġġetti misruqa.

Illi, dwar l-ammont ta' xorb derubat u l-valur ta' l-istess, fix-xhieda tiegħu, il-parti offiża ressaq biżżejjed evidenza, b'mod speċjali bir-riċevuti li huwa eżebixxa, fejn l-Ewwel Qorti setgħat tasal biex tikkomputa l-valur tax-xorb misruq bħala dak ta' €292.00. Illi l-Ewwel Qorti ukoll ħadet in konsiderazzjoni l-ilment li l-appellant issa qiegħed iressaq illi l-valur tax-xorb jista' ivarja bejn *supplier* u ieħor, u għalkemm qieset illi dan kien minnu, madanakollu rat illi l-parti offiża kien qed jirreklama bħala danni minnu subiti l-valur l-iktar baxx. Illi meta l-Ewwel Qorti għamlet il-komputazzjoni tagħha dwar l-aggravanti tal-valur ħadet in konsiderazzjoni l-valur l-iktar baxx sabiex b'hekk l-appellant ġie avvantaġġat u għalhekk l-ilment tiegħu ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi, *in oltre*, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-liġi kif ukoll tirrifletti kemm iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern kif ukoll il-fedina penali voluminuża tal-appellant, u dan abbinat ma' diversi konsiderazzjonijiet oħra li din l-Qorti tikkondividi. Għalhekk ma jeżisti ebda motiv li jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-ikkalibrar tal-piena u għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aħħar aggravju ventilat minnu, l-appellant jilmenta dwar is-sejbien ta' ħtija għall-addebitu tar-reċidiva. Jisħaq li għalkemm ġew ippreżentati diversi sentenzi, l-

identità tiegħu qatt ma ġiet ippruvata bħala l-istess ta' dik il-persuna kkundannata fl-imsemmija sentenzi, u kwindi kellu jiġi liberat minn dan l-addebitu.

Illi, għalkemm llum huwa paċifiku illi l-ġudikabbli ma jistax jinsab ħati ta' dan l-addebitu unikament fuq il-fedina penali tiegħu, madanakollu kemm il-darba tkun eżebita kopja awtentika tas-sentenza, li abbażi tagħha qed issir din il-prova, u jkun ippruvat ukoll illi li l-persuna mputata fis-sentenza ppreżentata hija l-istess persuna preżentement akkużata bl-addebitu tar-reċidiva, liema prova tista' ssir kemm permezz tat-testimonjanza tal-uffiċjal prosekutur li jkun mexxa il-prosekuzzjoni f'dik il-kawża jew inkella permezz ta' ċertifikat tat-twelid jew karta tal-identita' jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor minn fejn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti il-konnotati tal-ġudikabbli u n-numru ta' identifikazzjoni tiegħu, allura l-addebitu jirriżulta ippruvat purche' ikun hemm il-prova ukoll illi l-piena mposta tkun ġiet skontata.

Illi, Stephania Calafato Testa, assistent Reġistratur tal-Qorti Kriminali, xehdet f'dawn il-proċeduri nhar il-15 ta' Jannar 2024 fejn ippreżentat diversi sentenzi u stqarret li ma kienx sar appell minnhom u ma kienx hemm multi pendenti fir-rigward ta'l-istess. Minn eżami ta' dawn is-sentenzi imbagħad, jirriżultaw id-dettalji personali tal-imputat bl-isem "Jean Claude Cassar" fosthom in-numru ta' identifikazzjoni, li f'kollha huwa ndikat bħala 178694M. Dan in-numru ta' identifikazzjoni jikkombaċja perfettament man-numru tal-identifikazzjoni li jinsab fiċ-ċitazzjoni odjerna kif ukoll fuq iċ-ċertifikat ta' twelid tal-appellant. B'mod speċjali is-sentenza Dokument SCT7 tal-21 ta' Novembru 2019, fejn l-appellant kien ikkundannat għal perijodu ta' tlett xhur priġunerija sospiża għal sena, liema sena allura iddekkorriet fil-21 ta' Novembru 2020, tirriżulta r-reċidiva ukoll abbażi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u dan oltre li huwa ippruvat dan l-addebitu ukoll fit-termini ta'l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, bl-appellant ikun misjub ħati tar-reat tas-serq b'sentenzi preċedenti. Għalhekk ma jeżisti ebda dubbju li s-sentenzi preżentati in atti kollha jirrigwardaw lill-appellant odjern, bl-addebitu tar-reċidiva ppruvat fit-termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment l-appellant jikkontendi illi huwa ma setax jiġi trattat mill-Ewwel Qorti dwar il-ksur ta' Ordni ta' *Probation* imposta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Ġunju 2023 u dan għaliex huwa kien diġà ġie trattat għaldaqstant b'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023 fejn kien ikkundannat għal perijodu ta' sentejn priġunerija. Illi l-appellant għandu raġun f'dan l-ilment minnu ventilat. Illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fedina penali aġġornata eżebita quddiemha minn fejn jemerġi illi fl-14 ta' Diċembru 2023 wara li l-appellant kien ġie iddenunzjat mill-Uffiċjal tal-*Probation* tiegħu, l-Qorti tal-Maġistrati kienet ittrattat miegħu għal ksur tal-Ordni ta' *Probation* u din l-Ordni ġiet ikkonvertita għal piena ta' sentejn priġunerija, sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setatx titratta mill-ġdid miegħu għal dan il-ksur tal-Ordni imposta fuqu fit-23 ta' Ġunju 2023. Illi l-Qorti ħadet ukoll avviż ġudizzjarju ta' din id-denunzja li minnha ma kien intavolat ebda appell sabiex l-istess llum għaddiet in ġudikat. Kwindi l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn l-Ewwel Qorti trattat miegħu għal-ksur tal-Ordni ta' *Probation* imposta fuqu permzz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Ġunju 2023 u fejn allura ikkundannatu għal perijodu ta' tlett snin u nofs priġunerija dwar dan il-ksur, billi l-appellant kien diġà ġie trattat dwar dan il-ksur permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Diċembru 2023, u kwindi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**